**Minuti**

**Seduta Nru. 9/2015**

**Data:** **Il-Ħamis 26 ta' Frar 2015**

**Ħin:** **6.00pm**

**Post:** **Kunsill Lokali L-Imsida**

---

**Preżenti:**

**Deborah Galea – *Viċi Chairperson***
**Emanuel Galea – *Membru***
**Owen Patrick Attard – *Membru***
**Jimmy Zahra - *Membru***
**Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv***

**Skużati:** **Matthew Mangion – *Chairperson***

---

**AĠENDA**

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Informazzjoni minn laqħat li saru;
6. Kiosk – Triq it-Torri
7. Traffic Management
8. Proposta minn organizzazzjoni tal-Basketball fis-Swatar
9. Affarijiet oħra jekk urġenti;
10. Għeluq u Aġġornament.

**MINUTI:**

**1. Talba**

**220** **Il-laqgħa bidet b'talba.**

**2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**221 Il-Minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.**

**3. Punti Mqajma mill-Minuti;**

**222 Materja 196: Intqal li kien hemm preżenza ta' Wardens fit-toroq imsemmija, pero' ma kienx hemm Eco Wardens. Is-Sna Galea qalet li fit-T Junction ta' Triq Grosseto ma' Triq Borg Olivier u anke fejn Triq G Borg Olivier tmiss ma Triq Manwel Vilhena qed isir ħafna parkeġġ fuq il-linji s-sofor li hemm fil-kantunieri. Qalet li hemm bżonn li l-Wardens jintalbu jmorru f'din iż-żona. Saret diskussjoni wkoll fuq il-bżonn li ssir Loading/Unloading Bay "communal" għal-ħwienet ta' dik iż-żona.**

**223 Materja 197: Is-Segretarju nformat lill-Kumitat li tkellmet mal-Kunsill ta' St Venera rigward il-kamera tas-CCTV u ġew informati li saret mir-Reġjun u mhux mill-Kunsill. Is-Segretarju tkellmet mar-Reġjun u ntqal li qed jistaqsu l-Kunsill jagħtu suġġerimenti dwar fejn iridu li titwaħħal kamera ta' dan it-tip. Is-Segretarju wkoll qed tistenna risposta mir-Reġjun dwar l-ispejjeż involuti. Il-membri tal-Kumitat qalu li jekk issir l-Loading/Unloading Bay fit-T Junction ta' Triq Grosseto ma' Gorg Borg Olivier għandha ssir waħda hemm. Intqal ukoll li ħdejn l-HSBC, u anke fi Triq it-Torri fejn ħafna karozzi jgħamlu U-Turn biex jaqbdu t-triq għal-Mater Dei. Intqal li anke ħdejn l-iskola tas-St Martin's tista teħel waħda imma li din mhix priorita'. Is-Sur Zahra qal li fil-BIS ta' Triq is-Swatar qed jitħalla l-imbarazz. Is-Segretarju qalet li dan ser jiġi nkluż fid-dawra tal-Bulky Refuse ta' L-Imsida darba fil-gimgħa.**

**224 Materja 198: IS-Sur Attard qal li huwa bgħat imejl lil Fr Robert dwar l-organizzazzjoni ta' l-attivita' u ma rċiviex risposta. Hu qal li meta jkollu risposta jikkomunika mal-Kumitat. Is-Sna Galea qalet li nkwetata li ma jkunx hemm fondi biex jitħalsu l-ispejjeż minħabba li ma hemmx rendikont tal-fondi minn naħa tal-Kunsill ta' B'Kara. Intqal li jekk il-Paroċċa tas-Swatar ma jkunux iridu li jaħdmu flimkien mal-Kumitat biex issir din l-attivita' l-Kumitat jista jaħdem ma xi entitajjiet taż-żona.**

**225 Is-Sur Zahra qal li ser ikollu jħalli l-laqgħa. Qabel telaq ġibed l-attenzjoni fuq linja safra li hemm bżonn issir quddiem Dar 120 (garaxx 122) Triq Guże Ellul Mercer. Din il-linja trid issir biex tindika d-daqs tal-kaxxa s-safra quddiem il-garaxx minħabba li bħalissa fil-post hemm linja safra kontinwa u l-parkeġġ mhux qed isir tajjeb.**

**226 Is-Sur Zahra telaq mill-laqgħa (19:01).**

**227 Materja 200: Intqal li l-Kumitat ma rċieva l-ebda risposta mill-Kunsill ta' B'Kara fir-rigward ta' l-ittra li ntbagħtet fuq il-Kiosk. Is-Sna Galea qalet li hi mhix komda li tkun taf b'xi ħaġa li mhix skont il-permessi u ma tieħux azzjoni. Is-Sur Attard saqsa fuq tal-Gass. Is-Sur Galea qal li dawn għandhom il-permess, u li jistgħu jieqfu fejn iridu. Is-Segretarju qalet li c-**

**Chairperson talab li terġa ssir id-diskussjoni fuq din il-materja allura l-aħjar tiġi diskussa meta jkun preżenti hu. Is-Sna Galea qalet ma baqgħax x'jiġi diskuss. Is-Sur Attard qal li dan m'għadux ta' periklu minħabba li n-nies issa qed jixtru minn fuq il-bankina u qal li l-Kumitat m'għandux jaqbad ma bniedem wieħed għax hemm ħafna rregolaritajjiet. Is-Sna Galea qalet li mħgħandiex oġġezzjoni li jibqa hemm jekk għandu l-permessi kollha neċessarji u li jekk hemm irregolaritajjiet il-Kumitat jieħu ħsiebhom wieħed wieħed. Sar qbil li ser issir diskussjoni fil-laqgħa li jmiss.**

**228 Materja 201: Ic-Chaiperson għandu jiġi mfakkar biex ikompli jitlob ir-rendikont finanzjarju lill-Kunsill ta' B'Kara.**

**229 Materja 203: Is-Sna Galea qalet li taħseb li tneħħa l-arblu fi Triq Evelyn Bonaci.**

**230 Materja 204: Intqal li t-tabelli tranġaw pero' għad hemm xi ħadd qed idawwarhom.**

**231 Materja 205: Dwar 'sleeping police' fi Triq Arturo Bonnici is-Sur Galea qal li l-ittra li ngħatatlu mis-Segretarju għaddieha lir-resident li kien qed jitlob li din issir, pero' għadu ma ngħatax risposta.**

**232 Materja 207: Intqal li ċ-Chairperson iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill ta' B'Kara, flimkien mas-Sur Anthony Buttigieg, li hu responsabbli mit-Traffic Management fil-Kunsill ta' B'Kara u s-Sur Mangion għandu jinforma l-Kumitat.**

**233 Materja 209: Is-Segretarju kellha tiċċekja jekk saritx il-MC Bay ta' Triq Guze Ellul Mercer.**

**234 Materja 211: Il-Kumitat għandu jiċċekja mas-Sur Mangion jekk kienx sar l-appell mal-MEPA fir-rigward tal-permess ta' l-għalqa tas-Sisla.**

**235 Materja 213: Intqal li għadu ma ngħatax risposta dwar il-finanzi mill-Kunsill ta' B'Kara. Is-Segretarju qalet li r-rendikont tal-Kunsill ta' L-Imsida għas-Swatar kważi lest u li baqgħa xi amendi zgħar u jkun jista jiġi ppreżentat fil-laqgħa.**

**236 Materja 215: Is-Segretarju għandha tiċċekja fuq il-parkeġġ fil-Bus Stops u anke tistaqsi dwar ir-rottot li qed jgħaddu mis-Swatar. Is-Segretarju qalet li qed tipprova ssir laqgħa mas-Sur Zahra dwar l-possibilitajjiet tal-Bus Stop ħdejn l-HSBC imma għadu ma' kkonfermax appuntament.**

**237 Is-Segretarju informat lill-membri tal-Kumitat li l-uffiċċjali tal-Medicines Authority talbuha tibgħat lista tat-toroq tas-Swatar. Din inbtagħtet dik il-ġurnata stess.**

## 4. Korrispondenza

**238 Ma tresqitx korrespondenza waqt din il-laqgħa.**

## 5. Informazzjoni minn laqgħat li saru

**239 Is-Sna Galea nformat lill-membri tal-Kumitat li fil-bidu ta' Jannar iltaqgħet mal-Leaders tal-Girl Guides flimkien mas-Sur Nello Calleja tal-iskola St Martin's. Qalet li s-St Martin's qed joffrulhom il-premises mingħajr ħlas u anke offrulhom spazju fejn jistgħu jsiru lockers. Qalet li ser issir laqgħa mal-ġenituri tat-tfal u jista jkun li jitħajru aktar leaders. Qalet li l-iskola qed jikkoperaw ħafna.**

**240 Saret laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kienu preżenti s-Segretarju, c-Chairperson u s-Sur Attard. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi d-diffikultajjiet tas-Swatar. L-ewwel punt li ġie diskuss kien li s-Swatar, għalkemm hemm populazzjoni ta' fuq 4,000 ruħ għadu jitqies bħala Ħamlet, u għar minn hekk huwa l-unika Ħamlet li huwa maqsum bejn żewġ KUnsilli, sitwazzjoni li toħloq diversi problemi amministrattivi. Intqal li l-Knisja diġa rrikonoxxiet lis-Swatar bħala paroċċa. Intqal li l-Kunsill m'għandux informazzjoni fuq il-flus li ġew allokati lis-Swatar mill-Kunsill ta' B'Kara. Issemma li l-infrastruttura ma' jissaportjax dħul u ħruġ tajjeb għal ġo u minn ġos-Swatar, speċjalment meta tqis li ħafna jgħaddu minn hemm biex jaċċessaw l-isptar u anke iż-żona ta' Triq it-Torri fis-Swatar stess hija waħda fejn jaħdmu ħafna nies u għalhekk jattendu ż-żona ta' kuljum. Saret diskussjoni fuq in-nuqqas ta' spiżerija fiż-żona u saret spjega tas-sitwazzjoni li qed jaffaċċjaw ir-residenti tas-Swatar minħabba li mhumiex intitolati għal spiżerija b'mod dirett. Saret ukoll talba għal aktar sapport fir-rigward ta' materji li jikkonċernaw il-Kunsilli mad-Dipartimenti tal-Gvern.**

**241 Is-Sna Galea qalet li attendiet Seminar dwar attivitajjiet Kulturali u ssuġġeriet li jintużaw parti mill-flus li jibqa mill-allokazzjoni biex isir proġett. Hi qalet li ser tiċċekja n-noti u tipprovdi suġġerimenti biex dawn jiġu diskussi mal-Kunsill.**

## 6. Kiosk – Triq it-Torri

## 7. Traffic Management

## 8. Proposta minn organizzazzjoni tal-Basketball fis-Swatar

**242 L-Aġenda ġiet sospiża u sar qbil li jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss meta jkun preżenti ċ-Chairperson.**

**7. Affarijiet oħra jekk urġenti**

**243 Is-Sur Attard ġibed l-attenzjoni fuq il-bżonn li tissewwa l-isleeping police ta' Triq Balliju Guttenberg.**

**244 Is-Sur Attard qal li hemm bżonn li tissewwa ħofra fi Triq is-Swatar u Triq il-Balliju Gutenberg.**

**245 Is-Sur Attard qal li hemm l-iskips ta' Triq Indri Grima jostakolaw il-bankina. Qalu wkoll li fi Triq Indri Grima hemm dgħajsa fuq il-ġebel li qed tieħu żewġ parkeġġi. Qal li l-karru għandu n-numru MFB1364)**

**246 Is-Sur Attard talab li jsiru aktar Doggie Bins - ħdejn il-Playing Field u r-romp around fl-Imsida, u anke hemm bżonn f'diversi żoni f'B'Kara.**

**8. Għeluq u Aġġornament**

**247 Sar qbil li l-laqgħa tal-Kumitat li jmiss ser issir fit-16 ta' Marzu 2015 fis-6.00 ta' fil-għaxija. Dan għandu jiġi kkonfermat maċ-Chairperson.**

**248 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-19:56.**

**Matthew Mangion**
***Chairperson***

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data**